# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 185/00**

**Numru 29**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Martin Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija tlieta u erbghin lira u sebgha centezmi (Lm743.07) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 376499 gia 376449 skond kif jirrizulta md-dokument anness mal-avviz Dok A u B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju 1998, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-25 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm743.07,0 bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Awissu 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Awissu 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 185/00 JAB